ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tat-356 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**il-Ġimgħa, 3 ta' Lulju, 2009**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sur Joe Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Kunsillieri s-Sur Domenic Agius, is-Sur John Pace, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Joe Bonnici, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Item 2 – Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku

Is-Sur Buttigieg staqsa lis-Sur Domenic Agius jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku bħala l-Kusillier elett li fl-aħħar elezzjoni lokali kiseb l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri. Is-Sur Domenic Agius aċċetta li jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali Żabbar u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga. Is-Sur Agius irringrazzja lill-kunsillieri li servew fil-Kunsill preċedenti għax-xogħol li huma wettqu.

Is-Sur Agius awgura li dan il-Kunsill ikompli jaħdem għal ġid ta' Ħaż-Żabbar u taż-Żabbarin filwaqt li rringrazzja lill kull min wera fiduċja fih fl-elezzjoni lokali.

Item 3 - Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi-Sindku

Is-Sur Agius, li kompla jippresiedi l-laqgħa, talab lis-Sur John Pace, li kiseb, wara s-Sur Agius, l-ogħla għadd ta' voti fl-aħħar elezzjoni lokali minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maggoranza assoluta ta' Kunsillieri għal-lokalita' ta' Żabbar, jiddikjara jekk hux lest jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku.

Is-Sur Pace aċċetta li jokkupa l-kariga ta' Viċi-Sindku u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga. Is-Sur Pace ukoll irringrazzja lill kull min taħ l-appoġġ tiegħu fl-aħħar elezzjoni u lill-Kunsill Lokali preċedenti għax-xogħol li iwettaq f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Pace appella biex il-Kunsillieri flimkien jibqu jaħdmu fl-aħjar interess tar-residenti u tal-lokalita'.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-357 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2009.

Domenic Agius
Sindku